MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2018

Rikors Maħluf Numru 34/2018 LM

**Mediterranean Trading Shipping Co. Limited (C365)**

***vs.***

**Il-Bastiment M/T TURU reġistrat il-Panama bin-numru IMO8408777 u Petroplus Limited (C50905)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Jannar, 2018 mis-soċjetà attriċi **Mediterranean Trading Shipping Limited (C365)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") u maħluf minm Peter Sullivan (K.I. Nru 276070M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi is-soċjetà rikorrenti hija soċjetà illi tispeċjalizza u toffri diversi servizzi relatati mas-settur marittimu fosthom bħala Aġent tal-Portijiet, Servizzi ta' Crewing,*

*Immaniġġjar ta' Loġistika u servizzi ġenerali fuq tankers, super Yachts u anke cruise Liners.*

2. *Illi matul il-perijodu tat-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u ħmistax (2015) u l-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016) is-soċjeta rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Co Limited rendiet servizzi ta' aġenzija lil-bastiment M/T Turu illi huwa Chemical Tanker reġistrat taħt il-bandiera marittima tal-Panama u li għandu n-numru tar-reġistrazzjoni tal-Organizazzjoni Marittima Internazzjonali 8408777 u tali servizzi jaqgħu taħt l-artikolu 742B (m), (o) u (q) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi s-soċjeta rikorrenti ħarġet diversi fatturi għal dawn l-imsemmijin servizzi illi jikkonsistu f'fatturi dwar il-ħlas dovut lis-soċjetà rikorrenti għas-servizzi tagħha bħala aġent tal-bastiment, kif ukoll fatturi dwar spejjeż illi ġew inkorsi mill-bastiment matul iż-żmien illi kien jinsab Malta illi primarjament ġew mħallsa mis-soċjetà rikorrenti bħala l-Aġent tal-bastiment u li sal-ġurnata tal-lum għadhom ma ġewx rimborżati mill-bastiment intimat (hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A) u dawn jammontaw għas-somma ta' mija u sebat elef, sitt mija u ħames Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€107,605.55) u dana kif provdut mir-rendikont imsejjaħ "Disbursement Invoice No: 21/16" datat it-tnax (12) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) (hawn anness u mmarkat bħala Dok. B);*

4. *Illi inoltre mal-imsemmijin fatturi hemm ukoll fattura ulterjuri ta' tnax il-elf u erbgħa u sittin Dollaru Amerikan u tlieta u erbgħin ċenteżmi (US$12,064.43) ekwivalenti għal madwar għaxart elef, mija u seba' Euro u tlettax-il ċenteżmu (€10,107.13) li tirrifletti l-forniment ta' gas oil marittimu lil bastiment intimat illi sal-ġurnata tal-lum ukoll għadha pendenti (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C);*

5. *Illi komplessivament l-ammonti tal-imsemmijin fatturi li jirriflettu s-servizzi mogħtija lill-bastiment intimat jammontaw għas-somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68);*

6. *Illi għalkemm is-servizzi ġew mogħtija lill-bastiment intimat, sid il-bastiment kien informa lis-soċjetà rikorrenti sabiex il-fatturi jinħarġu f'isem is-soċjetà intimata Petroplus Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C50905 ta' Office 5B, Level 8, Portmaso Business Tower, Portomaso Avenue, St. Julians STJ 4011;*

7. *Illi minkejja l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti interpellat diversi drabi lis-soċjetà intimata u/jew rappreżentanti tal-bastiment intimat sabiex jersqu għal ħlas tal-fatturi relattivi, huma baqgħu inadempjenti u għaldaqstant l-intimati huwa*

*debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68);*

8. *Illi sabiex jiġi ikkawtelat l-imsemmi kreditu, ir-rikorrenti intavola mandat ta' arrrest ta' bċejjeċ tal-baħar kawtelatorju bin-numru 1791/2017 quddiem din l-Onorabbli Qorti. Tali mandat ġie akkordat u għaldaqstant il-bastiment jinsab arrestat ġewwa l-Boiler Wharf tal-Isla, Malta.*

9. *Illi l-imsemmi ammont ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-intimati lis-soċjetà rikorrenti u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12, tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fl-umli fehma tal-istess soċjetà rikorrenti, la l-bastiment intimat u lanqas is-soċjetà intimata ma għandhom eċċezzjonijiet validi xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-bastiment intimat u/jew is-soċjeta intimata huma debituri tas-soċjetà rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Co Ltd għas-somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68) għal diversi servizzi mogħtija lill-bastiment M/T Turu matul li kien jinsab irmiġġat ġewwa Malta bejn it-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u ħmistax (2015) u wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016);*

3. *Tikkundanna lill-bastiment intimat u/jew is-soċjeta' intimata sabiex iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti Mediterranean Trading Shipping Co Ltd is- somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68) għar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-intimati li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2018, fejn wara li kkunsidrat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-smigħ għad-9 ta' Frar, 2018, b'ordni lill-**Bastiment**

**M/T Turu** u **Petroplus Limited** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-talba tas-soċjeta attriċi u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Rat il-verbali tal-udjenzi tat-23 ta' Frar, 2018, tad-9 ta' April, 2018, u tal-10 ta' Mejju, 2018 fejn fuq talba tal-partijiet il-kawża ġiet differita bl-iskop li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' tranzazzjoni u dan bla preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetà attriċi *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018 fejn l-avukat Gianluca Cappitta għas-soċjetà attriċi kkonferma li fil-mori ma saru ebda pagamenti akkont tad-debitu dovut mill-konvenuti lis-soċjetà attriċi.

Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Illi wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant tiddikjara li hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara illi l-bastiment konvenut M/T Turu bin-numru IMO8408777 u s-soċjetà konvenuta Petroplus Limited (C50905) huma debituri *in solidum* bejniethom tas-soċjetà attriċi Mediterranean Trading Shipping Co Ltd (C365) fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68) għal diversi servizzi mogħtija lill-bastiment M/T Turu matul iż-żmien li kien irmiġġat ġewwa Malta bejn it-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u ħmistax (2015) u l-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju elfejn u sittax (2016);**

2. **Tikkundanna lill-bastiment konvenut M/T Turu bin-numru IMO8408777 u lis-soċjetà konvenuta Petroplus Limited (C50905) biex iħallsu *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€117,712.68).**

**Bl-imgħaxijiet mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.